MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 39/2013

**Banif Bank (Malta) p.l.c. [C-41030]**

**vs**

**Aleksei Bayliss**
**[ID. Nru. 190385M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-28 ta' Jannar, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf seba' mija u sbatax-il euro u hdax-il ċenteżmu ta' euro [€1,717.11c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut hu debitur tal-kumpanija attriċi fis-somma t'elf, seba' mija, sbatax-il euro u hdax-il ċenteżmu (€1,717.11), liema somma tikkonsisti fis-segwenti:

Fuq il-Credit Card Nru. 419679600002875 li l-konvenut ghandu mal-kumpannija attriċi (ara l-formola ta' l-

applikazzjoni markata bhala Dok. A), hemm dovut l-ammont t'elf, hames mija, sebgha u ghoxrin euro u tnejn u erbghin ċenteżmu (€1,527.42) li sa l-1 ta' Novembru 2012 kien jinkludi mghaxijiet ta' disat euro u sitta u erbghin ċenteżmu (€9.46) (ara l-istatement bankarju markat Dok. B);

Fuq il-Current Account Nru. 99511.10.001 li l-konvenut ghandu mal-kumpanija attriċi, hemm dovut l-ammont ta' mija, disgha u tmenin euro u disgha u sittin ċenteżmu (€189.69) li sa l-1 ta' Novembru 2012 kien jinkludi hames ċenteżmi (€0.05) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. D). Dan l-ammont jikkonċerna hlasijiet ohra in relazzjoni ma' l-ammont dovut fuq il-Credit Card imsemmija aktar 'l fuq;

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attriċi ai termini ta' l-Artikolu 11(f) tal-Conditions of Use marbuta mal-Credit Card (ara Dok. E) u ta' l-Artikolu 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account u Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta ma' l-istess Current Account (ara Dok. F u Dok. G rispettivament);

Illi l-kumpanija attriċi nterpellat lill-konvenut diversi drabi biex ihallasha l-ammont minnu dovut, fosthom permezz t'ittra uffiċjali (ara Dok. H) datata l-21 ta' Novembru 2012 u mibghuta a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta (din l-ittra baqghet ma ġietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan), iżda dan baqa inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-kumpanija attriċi titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut debitur taghha fis-somma t'elf, seba' mija, sbatax-il euro u hdax-il ċenteżmu (€1,717.11) u li konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lil l-istess kumpanija attriċi din is-somma.

Bl-imghaxijiet mill-1 ta' Novembru 2012, sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija

(8.25%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-credit card u bir-rata ta’ ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu dawk dovut fuq il-Current Account; u kif ukoll kwalsiasi charges u fees dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenut; u dan kollu skond kif jinghad fil-conditions of use (imsemmijin aktar ‘l fuq) u t-tariff of charges (ara Dok. I) relattivi ghall-Credit Card u fit-Terms and Conditions u l-conditions of use (imsemmijin aktar il-fuq) u t-tariff of charges (ara Dok. J) relattivi ghall-Current Account.

Bl-ispejjez inklużi dawk ta’ l-ittra uffiċjali fuq imsemmija u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju preżentat kontestwalment maghha.

Il-konvenut qieghed minn issa jiġi ngunt in subizzjoni.

Dan kollu qed jintalab minghajr preġudizzju u b’rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attriċi fil-konfront tal-konvenut”.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta’ Settembru, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ elf seba’ mija u sbatax-il euro u hdax-il ċenteżmu ta’ euro [€1,717.11c]. Ghar-rigward ta’ l-imghax dan ma ghandu fl-ebda kaz jeċċedi t-tmienja fil-mija (8%).

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------